

Deċiżjoni li ma ssirx oppożizzjoni għal miżura ta' implimentazzjoni: tranżitu ta' ċerti prodotti sekondarji tal-annimali mill-Bosnja-Ħerzegovina

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li ma ssirx oppożizzjoni għal abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tat-tranżitu ta' ċerti prodotti sekondarji tal-annimali mill-Bosnja-Ħerzegovina (D025828/03 – 2013/2598(RPS))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (D025828/03),
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jstabilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 41(3) u l-Artikolu 42(2) tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni mogħtija fil-5 ta' Marzu 2013 mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2013, fejn talbet lill-Parlament jiddikjara li mhux se joġġezzjona għall-abbozz ta' regolament,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-21 ta' Mejju 2013 mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel għall-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 88(4)(d) u l-Artikolu 87a(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra li l-ebda oġġezzjoni ma ġiet espressa fil-perjodu previst fit-tielet u r-raba inċiżi tal-Artikolu 87a(6) tar-Regoli ta' Proċedura li skada fit-22 ta' Mejju 2013,
1. Jiddikjara li ma jopponix l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kummissjoni u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kunsill.

¹ ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

² ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.